



Brussell, 27 ta' Frar 2023
(OR. en)

5760/23

LIMITE

CORLX 110
CFSP/PESC 152
EPF AM 18
FIN 94
COAFR 42
ACP 12
COPS 50
POLMIL 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

1. Ir-Rappreżentant Għoli rrakkomanda li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà japprova azzjoni taħt il-miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 b'appoġġ għat-Task Force Konġunta Multinazzjonali kontra Boko Haram. Parti minn din l-azzjoni għandha tiġi implimentata mill-organizzazzjoni nongovernattiva Żvizzera COGINTA.
2. Il-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw b'mod sħiħ jew parzjali azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 fid-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 għandha għalhekk tiġi emendata biex tinkludi lil COGINTA.

3. Fis-27 ta' Jannar 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (dok. 5758/23).
4. Fl-20 ta' Frar 2023, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
5. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 5759/23.